SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

25 ta' Ġunju 2020*

"Appell – Servizz pubbliku – Parlament Ewropew –Membru tal-persunal bil-kuntratt – Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea –Fastidju psikoloġiku – Talba għal assistenza – Dritt għal smigħ – Ċaħda tat-talba għal assistenza – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju"

Fil-Kawża C-570/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2018,

HF, irrappreżentata minn A. Tymen, avocate,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn E. Taneva u T. Lazian, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, T. von Danwitz u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Novembru 2019,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament, (T-218/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:393), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ ċaħdet it-talba tagħha għal assistenza mressqa fil-11 ta' Diċembru 2014 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu mġarrab minnha minħabba l-illegalitajiet imwettqa minn din l-awtorità fit-trattament tal-imsemmija talba għal assistenza.

2 Permezz tal-appell tagħha, il-Parlament jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata minħabba żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 80 sa 81 u 123 ta' dik is-sentenza, sabiex tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprevedi:

"1. Uffiċjali jistgħu [għandhom] jżommu lura minn kull forma ta' turment [fastidju] psikoloġiku jew sesswali.

[…]

3. 'Turment psikoloġiku'; ifisser kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perjodu, hija ripetittiva jew sitematika u tinvolvi atteġġament fisku, lingwa mlissna jew miktuba, azzjonijiet jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jbaxxu l-personalità, dinjità, jew integrità fisika jew psikoloġika ta' xi persuna."

4 L-Artikolu 24 ta' dawn ir-regolamenti jipprevedi:

"L-Unjoni għandha tassisti kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjetà li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu.

Hija għandha tikkumpensa *in solidum* l-uffiċjal għall-ħsara li sofra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b'negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata."

5 Skont l-Artikolu 90 tal-imsemmija regolamenti:

"1. Kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolament tal-Persunal tista' tibgħat talba lill-awtorità tal-ħatra biex tieħu deċiżjoni dwaru. L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta ssir it-talba. Jekk fi tmiem ta' dak il-perijodu l-persuna ma tirċievi ebda tweġiba għat-talba, dan għandu jiġi kkunsidrat bħala deċiżjoni impliċita li tirrifjuta t-talba u li kontriha jista' jsir ilment skond il-paragrafu li ġej.

2. Kull persuna li japplikaw għaliha dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta miżura preskritta mir-Regolamenti tal-Persunal. L-ilment għandu jkun ippreżentat fi żmien tliet xhur […]

[…]

L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta jsir l-ilment. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu ma tasal l-ebda tweġiba għall-ilment, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma taċċettahiex, li kontriha jista' jsir appell taħt l-Artikolu 91."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 33 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej.

7 Bejn l-2005 u l-2015, l-appellanti, HF, ħadmet, taħt Regolamenti tal-Persunal differenti, jiġifieri bħala membru tal-persunal awżiljarju, membru tal-persunal bil-kuntratt jew anki membru tal-persunal temporanju, fi ħdan l-Unità tal-Awdjożiv tad-Direttorat Ġenerali "Komunikazzjoni" tal-Parlament Ewropew.

8 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Diċembru 2014, indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament (iktar 'il quddiem is-"Segretarju Ġenerali"), b'kopja lill-President tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fastidju u l-Prevenzjoni Tiegħu fuq il-Post tax-Xogħol (iktar 'il quddiem il-"Kumitat Konsultattiv") kif ukoll lill-President tal-Parlament u lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Persunal" tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament (iktar 'il quddiem id-"Direttur Ġenerali tal-Persunal"), l-appellanti, taħt l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, ressqet talba għal assistenza, fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem it-"talba għal assistenza"). B'mod iktar preċiż, hija talbet li jiġu adottati miżuri urġenti sabiex tiġi protetta immedjatament mill-persuna li allegatament kienet qiegħda tagħtiha fastidju u li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ mal-Parlament (iktar 'il quddiem l-"ASTK") sabiex tiġi stabbilita r-realtà tal-fatti.

9 Insostenn ta' din it-talba, l-appellanti sostniet li kienet vittma ta' fastidju psikoloġiku, fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, min-naħa tal-Kap tal-Unità tal-Awdjoviżiv (iktar 'il quddiem il-"Kap tal-Unità"). Dan il-fastidju seħħ permezz ta' aġir, kliem u kitbiet ta' dan tal-aħħar, b'mod partikolari fil-kuntest ta' laqgħat tad-dipartiment.

10 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Frar 2015, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal informa lill-appellanti li kienet ġiet adottata miżura favur tagħha li tikkonsisti fl-assenjazzjoni mill-ġdid tagħha lill-Unità tal-Programm ta' Żjarat sabiex titbiegħed mill-Kap tal-Unità.

11 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2015, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal informa lill-appellanti bl-intenzjoni tiegħu li jqis li t-talba tagħha għal assistenza ma kinitx fondata, b'mod partikolari, wara s-smigħ tal-Kap tal-Unità u ta' erbatax-il uffiċjal u membru tal-persunal tal-Unità tal-Awdjoviżjiv mill-Kumitat Konsultattiv.

12 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2015, l-appellanti talbet il-komunikazzjoni tar-rapport, li skontha hija tal-"investigazzjoni", imħejji mill-Kumitat Konsultattiv. Din it-talba reġgħet saret b'ittra tal-5 ta' Frar 2016.

13 Permezz ta' ittra tad-9 ta' Frar 2016, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal ta lill-appellanti terminu li jiskadi fl-1 ta' April 2016 sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub dwar l-intenzjoni tiegħu li jiċħad l-imsemmija talba għal assistenza. Barra minn hekk, huwa indikalha li l-Kumitat Konsultattiv kien baġħatlu biss opinjoni fejn ikkonkluda li ma kienx hemm fastidju psikoloġiku. F'dan ir-rigward, kien normali li l-Kumitat Konsultattiv ma kienx ikkomunikalha rapport, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regoli interni dwar il-fastidju, għaliex tali rapport jiġi stabbilit mill-Kumitat Konsultattiv fil-każijiet biss fejn l-imsemmi kumitat jikkonstata l-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku.

14 Fl-1 ta' April 2016, l-appellanti ppreżentat l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li fihom, filwaqt li tenniet il-fatt li l-aġir tal-Kap tal-Unità fil-konfront tagħha kien jikkostitwixxi "turment [fastidju] psikoloġiku" fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, hija b'mod partikolari kkontestat l-affermazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal li tgħid li l-Kumitat Konsultattiv ma ħejjiex rapport, skont l-Artikolu 14 tar-Regoli interni dwar il-fastidju, imma ta biss opinjoni. F'dan ir-rigward, hija

sostniet li r-rifjut tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal li jikkomunikalha l-konklużjonijiet kollha kemm huma tal-Kumitat Konsultattiv jikser id-drittijiet tad-difiża tagħha u jċaħħad minn kull effett utli l-osservazzjonijiet li hija ppreżentat.

15 Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2016, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal, li kien qiegħed jaġixxi fil-kwalità ta' ASTK, ċaħad it-talba għal assistenza (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"). F'din id-deċiżjoni, huwa b'mod partikolari spjega li l-appellanti kienet ġiet informata, b'mod sħiħ u ddettaljat, bil-motivi li għalihom huwa kellu l-intenzjoni, fit-8 ta' Diċembru 2015, li jiċħad it-talba għal assistenza. Barra minn hekk, skont id-Direttur Ġenerali tal-Persunal, minn naħa, l-appellanti ma kellha ebda dritt suġġettiv għall-komunikazzjoni ta' rapport ta' investigazzjoni, ta' opinjoni jew ta' deposizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda stabbiliti mill-Kumitat Konsultattiv. Min-naħa l-oħra, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal żamm mal-analiżi li huwa kien espona fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2015 u, għaldaqstant, iddeċieda li ma jirrikonoxxix li s-sitwazzjoni deskritta mill-appellanti kienet taqa' taħt il-kunċett ta' "turment [(fastidju] psikoloġiku" fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.

16 Fis-6 ta' Settembru 2016, l-appellanti ressqet, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, ilment kontra d-deċiżjoni konenzjuża. Insostenn ta' dan l-ilment, hija invokat ksur tad-drittijiet tad-difiża, tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), tad-dritt għal smigħ u tal-prinċipju tal-kontradittorju kif ukoll irregolaritajiet fil-proċedura segwita mill-Kumitat Konsultattiv, żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, ksur tal-Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-obbligu ta' assistenza u tad-dmir ta' premura.

17 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2017, is-Segretarju Ġenerali, fil-kwalità tiegħu ta' ASTK, ċaħad l-imsemmi lment.

18 Fir-rigward tal-ilment tal-appellanti dwar l-assenza ta' komunikazzjoni, mill-ASTK, tar-rapport imħejji mill-kumitat konsultattiv u d-deposizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda, is-Segretarju Ġenerali qies b'mod partikolari li, fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, Tzirani vs Il-Kummissjoni (F-46/11, EU:F:2013:115), u tat-23 ta' Settembru 2015, Cerafogli vs BĊE (T-114/13 P, EU:T:2015:678), ma kien hemm l-ebda obbligu, għall-ASTK, li tittrażmetti dawn id-dokumenti lil-appellanti, b'mod partikolari peress li, fi ħdan il-Parlament, il-Kumitat Konsultattiv kellu jaħdem bl-ikbar kunfidenzjalità u li l-ħidma tiegħu kienet sigrieta. Issa, sabiex tkun żgurata l-libertà tal-espressjoni ta' dawk kollha involuti, b'mod partikolari tax-xhieda, kien ikun impossibbli, għall-ASTK, li tittrażmetti dawn id-dokumenti lill-appellanti.

19 Fir-rigward tal-eżistenza, f'dan il-każ, ta' "turment [fastidju] psikoloġiku" fis-sens tal-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti, is-Segretarju Ġenerali qies li "b'mod ġenerali, il-fatti invokati [mill-appellanti]" ma jidhrux li jikkostitwixxu abbuż minn kap tal-unità fil-konfront ta' subordinat." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistrtu tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' April 2017, l-appellanti ppreżentat rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-3 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha l-ASTK ċaħdet it-talba tagħha għal assistenza mressqa fil-11 ta' Diċembru 2014 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu allegatament subit minnha bħala riżultat tal-atti illegali mwettqa minn din l-awtorità fit-trattament ta' dik it-talba.

21 Insostenn tat-talbiet għal annullament tagħha, l-appellanti invokat tliet motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, tal-Artikolu 41 tal-Karta, tad-dritt għal smigħ u tal-prinċipju tal-kontradittorju, it-tieni wieħed, fuq żbalji proċedurali, u, iktar preċiżament, fuq li l-proċedura segwita

mill-Kumitat Konsultattiv kienet irregolari u parzjali kif ukoll, it-tielet wieħed, fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, fuq ksur tal-obbligu ta' assistenza u tad-dmir ta' premura kif ukoll fuq ksur tal-Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal.

22 Insostenn tat-talbiet tagħha għal kumpens, l-appellanti ssostni li hija ġarrbet dannu morali minħabba l-illegalitajiet imwettqa mill-ASTK fit-trattament tat-talba għal assistenza. Hija talbet, għal dawn ir-raġunijiet, l-għoti ta' ammont ta' EUR 70 000 bħala kumpens għad-danni. Barra minn hekk, l-appellanti titlob ammont addizzjonali ta' EUR 20 000 bħala kumpens għad-dannu morali li jirriżulta mill-irregolaritajiet li affettwa l-proċedura ta' investigazzjoni, f'dan il-każ fir-rigward tax-xogħol tal-Kumitat Konsultattiv. B'hekk, skont l-appellanti, l-ASTK kienet kisret b'mod partikolari l-prinċipju tat-terminu raġonevoli għat-trattament tat-talba għal assistenza tagħha.

23 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu bħala infondat.

It-talbiet tal-partijiet

It-talbiet tal-appell

24 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata u, konsegwentement,

– tagħti lill-appellanti l-benefiċċju tat-talbiet tagħha fl-ewwel istanza,

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– tikkundanna lill-Parlament għall-kumpens tad-dannu morali tagħha stmat e*x aequo et bono* fis-somma ta' EUR 90 000, u

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

25 Il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– li tiddikjara l-appell infondat;

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

It-talbiet tal-appell inċidentali

26 Permezz tal-appell inċidentali tiegħu, il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tagħti deċiżjoni fil-mertu sabiex tiċħad ir-rikors, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

27 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-prinċipji stabbiliti fil-punti 80, 81 u 123 ta' dik is-sentenza;

– tannulla s-sentenza appellata sa fejn ċaħdet it-talbiet tal-appellanti u, konsegwentement,

– tagħti lill-appellanti l-benefiċċju tat-talbiet tagħha fl-ewwel istanza;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– tikkundanna lill-Parlament għall-kumpens tad-dannu morali tagħha stmat *ex aequo et bono* fis-somma ta' EUR 90 000, u

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

Fuq l-appell inċidentali

L-argumenti tal-partijiet

28 Insostenn tal-appell inċidentali tiegħu, il-Parlament jinvoka żewġ aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi imwettaq mill-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet, fil-punt 81 tas-sentenza appellata, li din l-istituzzjoni kellha tikkomunika lil HF l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv, u t-tieni wieħed, fuq żball ta' liġi fil-punt 123 tas-sentenza appellata, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha għall-eżami ta' żball manifest ta' evalwazzjoni.

29 L-appellanti tikkontesta dan l-argument.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Għandu jitfakkar qabel kollox li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tqajjem *ex officio* kwalunkwe kwistjoni relatata mal-ammissibbiltà tal-appell jew mal-aggravji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2008, Neirinck vs Il-Kummissjoni, C-17/07 P, EU:C:2008:134, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, skont l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jista' jiġi ppreżentat appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jtemmu l-proċeduri, minn kwalunkwe parti li parzjalment jew totalment tilfet fit-talbiet tagħha.

32 Minn naħa, l-Artikolu 178(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirrikjedi li t-talbiet tal-appell inċidentali jkunu intiżi għall-annullament, totali jew parzjali, tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

33 F'dan il-każ, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti u b'hekk it-talba ta' din tal-aħħar għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Parlament ma jistax jitqies li tilef fit-talbiet tiegħu.

34 Peress li ż-żewġ aggravji tal-appell inċidentali ma għandhomx it-tendenza, fir-realtà, li jiksbu sostituzzjoni tal-motivi fir-rigward tal-analiżi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 80 sa 81 u 123 tas-sentenza appellata, ma jistgħux jintlaqgħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, Canadian Solar Emea *et* vs il-Kunsill, C-236/17 P, EU:C:2019:258, punt 75 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

35 Minn dan isegwi li ż-żewġ aggravju tal-appell inċidentali għandhom jitwarrbu bħala inammissibbli.

36 Fir-rigward tat-talba tal-Parlament dwar l-oneru tal-ispejjeż, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, appell ma jistax jikkonċerna biss l-oneru u l-ammont tal-ispejjeż. Issa, sa fejn iż-żewġ aggravji tal-appell inċidentali huma inammissibbli, din it-talba tal-Parlament ma tistax tintlaqa'.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-appell prinċipali

38 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tliet aggravji. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta. It-tieni wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 41(1) tal-Karta u tal-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandha l-Qorti Ġenerali, kif ukoll distorsjoni tal-kontenut tal-proċess u tal-argumenti tagħha. It-tielet huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 31(1) tal-Karta, tal-Artikolu 12a(1) u (3) tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-Artikolu 24 ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

L-argumenti tal-partijiet

39 Skont l-appellanti, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 12a(1) u (3) tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikolu 24 ta' dawn ir-regolamenti billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, fil-punti 84 u 85 tas-sentenza appellata, li wieħed mill-għanijiet tal-ipproċessar ta' talba għal assistenza, jiġifieri dak li jikkonsisti fir-restawr tas-serenità fid-dipartiment ikkonċernat, mingħajr ma jittieħed kont ta' wieħed minn dawn l-għanijiet li madankollu tfakkar fil-punt 83 ta' din is-sentenza, jiġifieri l-implimentazzjoni konkreta tal-projbizzjoni ta' kwalunkwe forma ta' fastidju psikoloġiku.

40 Fit-tieni lok, is-sentenza appellata hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni u minn kontradizzjoni sa fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-depożizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda ma għandhomx jiġu kkomunikati lill-appellanti sabiex tiġi protetta l-anonimità ta' dawn ix-xhieda. Fil-fatt, fil waqt li l-Qorti Ġenerali speċifikat, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv tista' tiġi stabbilita f'forma mhux kunfidenzjali li tosserva l-anonimità mogħtija lix-xhieda, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx pożizzjoni dwar din il-kwistjoni fir-rigward tad-depożizzjonijiet tas-smigħ. B'hekk, il-Qorti Ġenerali, mingħajr spjegazzjoni, ma applikatx l-istess kriterji għaż-żewġ dokumenti inkwistjoni rigward il-komunikazzjoni tagħhom. Il-Qorti Ġenerali ukoll ikkontradixxiet lilha nnifisha sa fejn ma kkunsidratx l-anonimizzazzjoni possibbli tad-depożizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda, għalkemm l-istess għan li tiggarantixxi l-anonimità tax-xhieda jgħodd kemm għall-komunikazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv kif ukoll għal dawn id-depożizzjonijiet tas-smigħ.

41 Skont l-appellanti, sa fejn l-illegalitajiet li hija kkonstatat, fil-punti 83 sa 85 tas-sentenza appellata, wasslu lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi li d-depożizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda ma għandhomx jiġu kkomunikati lilha qabel tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, il-Qorti Ġenerali b'hekk kisret l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta kif ukoll id-dritt tagħha għal smigħ.

42 Fit-tielet lok, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 89 tas-sentenza appellata, impliċitament, iżda neċessarjament, ammettiet li d-dritt tagħha għal smigħ ma kienx ġie ggarantit, billi rrikonoxxiet li, sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal assistenza, l-ASTK kellha bżonn id-depożizzjonijiet tas-smigħ sabiex tikkompleta n-natura konċiża tal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv.

43 Fir-raba' lok l-appellanti tqis, essenzjalment, li, għalkemm il-Qorti Ġenerali ammettiet, fil-punt 90 tas-sentenza appellata, li hija kienet ressqet argumenti ġodda bbażati fuq ir-rapporti tas-smigħ matul il-fażi kontenzjuża, li setgħu jwasslu għal riżultat differenti fir-rigward tal-eżitu tat-talba għal

assistenza, hija ddeċidiet li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ. Skont l-appellanti, din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li t-traskrizzjonijiet tas-seduti ma kellhomx jiġu kkomunikati lilha.

44 Bi tweġiba, il-Parlament jikkunsidra, essenzjalment, li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

45 Il-Parlament isostni, fl-ewwel lok, li, skont l-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta, il-kunfidenzjalità hija limitu leġittimu fuq id-dritt għal smigħ.

46 F'dan ir-rigward, il-Parlament jispeċifika li huwa essenzjali li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità tax-xhieda waqt inkjesti amministrattivi mhux biss kontra l-persuna allegata responsabbli għal fastidju, iżda wkoll kontra l-lanjant, sabiex tkun iggarantita li x-xhieda jkollhom il-libertà li jitkellmu. Fil-fatt, minn naħa, tneħħija eventwali ta' din il-kunfidenzjalità, b'mod partikolari matul il-proċedura kontenzjuża, tista' tipprevjeni ż-żamma ta' investigazzjonijiet newtrali u oġġettivi li jibbenefikaw mingħajr restrizzjoni mill-kontribuzzjoni ta' persuni msejħa sabiex jinstemgħu, fuq bażi volontarja, bħala xhieda. Min-naħa l-oħra, il-kunfidenzjalità tipprovdi garanziji lil dawn ix-xhieda sa fejn ikollhom b'hekk l-assigurazzjoni li ma jiffaċċjawx ritaljazzjoni jew pressjoni mill-persuni involuti.

47 Il-Parlament iżid li, konformement mar-regoli interni tiegħu f'dan il-qasam, il-president tal-Kumitat Konsultattiv assigura lix-xhieda li x-xhieda tagħhom ser tinżamm kunfidenzjali.

48 Fit-tieni lok, il-Parlament jinnota li l-għan li terġa' tinkiseb is-serenità lura fi ħdan id-dipartiment huwa komplimentari u inseparabbli minn dak li jitwaqqaf il-fastidju. B'hekk, it-tneħħija tal-kunfidenzjalità tista' potenzjalment toħloq kunflitti fid-dipartiment billi terġa' titqajjem xi animosità fi ħdanu. Konsegwentement, l-appellanti ma tistax issostni li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkonsiderazzjoni t-tieni wieħed minn dawn l-għanijiet.

49 Fit-tielet lok il-Parlament jenfasizza li l-anonimizzazzjoni ta' smigħ, jiġifieri t-tħassir tal-ismijiet tax-xhieda, ma hijiex biżżejjed sabiex tiggarantixxi l-impossibilità ta' identifikazzjoni tal-persuna li tagħti x-xhieda tagħha peress li x-xhud jista' jkun identifikabbli wkoll permezz ta' sovrappożizzjonijiet ta' informazzjoni u, b'mod partikolari, mill-fatti stess li jikkonferma.

50 Fir-raba' lok, il-Parlament isostni li l-appellanti ingħatat l-opportunità kollha li teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ, skont l-Artikolu 41 tal-Karta, fl-1 ta' April 2016, peress li kienet irċeviet, f'dik id-data, komunikazzjoni tal-motivi li fuqhom l-amministrazzjoni bbażat l-intenzjoni tagħha li tiċħad it-talba tagħha għal assistenza. F'dan il-kuntest, il-Parlament ifakkar li, skont il-qorti tal-Unjoni, fi kwistjonijiet ta' assistenza għal fastidju, min jitlob l-assistenza ma jgawdix minn protezzjoni ġuridika tant estensiva bħal dik mogħtija fil-kuntest tad-drittijiet tad-difiża imma, sabiex tirrispetta d-dritt għal amministrazzjoni tajba, jibbenefika mid-dritt għal smigħ, skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

51 Konsegwentement, interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 41 tal-Karta timplika li l-appellanti hija intitolata li tirċievi mhux id-dokumenti kollha mħejjija fil-kuntest tal-ipproċessar tat-talba tagħha għal assistenza, iżda biss il-motivi li fuqhom l-amministrazzjoni bbażat l-intenzjoni tagħha li tiċħad din it-talba. Minn dan isegwi li l-appellanti ma jistax ikollha aċċess għar-rendikonti tas-smigħ waqt l-eżerċizzju tad-dritt tagħha għal ta' smigħ.

52 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-appellanti għall-punt 90 tas-sentenza appellata, il-Parlament iqis li hija ineffettiva peress li, fi kwalunkwe każ, l-appellanti ma jistax ikollha aċċess għal xhieda li hija, min-natura tagħha, kunfidenzjali. Anki jekk wieħed jissupponi li l-appellanti kellha tali dritt, il-Parlament iqis li hija ma ressqet l-ebda argument ġdid li seta' jkollu impatt fuq id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal tat-3 ta' Ġunju 2016 li tiċħad it-talba għal assistenza.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

53 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li, essenzjalment, fuq ksur tad-dritt għal smigħ, kif iggarantit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta sa fejn ikkunsidrat li l-fatt li ġiet irrifjutata l-aċċess għad-depożizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda mħejjija mill-Kumitat Konsultattiv, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, ma kienx kuntrarju għal dik id-dispożizzjoni.

54 Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnotat li l-appellanti ċertament kienet instemgħet mill-ASTK abbażi tal-ittra tat-8 ta' Diċembru 2015 li esponiet il-motivi li għalihom id-Direttur Ġenerali tal-Persunal kellu l-intenzjoni li jiċħad it-talba tagħha għal assistenza. Madankollu, l-appellanti la kellha l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv u lanqas ir-rapporti tas-smigħ imwettqa minn dak il-kumitat sabiex tifformula l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-motivi invokati mill-ASTK f'dik l-ittra, sabiex tiċħad it-talba għal assistenza.

55 Fit-tieni lok, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punti 73 u 74 tas-sentenza appellata, id-deċiżjoni kontenzjuża tikkostitwixxi, peress li tiċħad it-talba għall assistenza u, għaldaqstant, tikkonkludi li ma hemmx fastidju psikoloġiku, miżura individwali meħuda fir-rigward tal-appellanti li taffettwaha negattivament, fis-sens tal-Artikolu 41(2) tal-Karta.

56 Fit-tielet lok, għandu jiġi speċifikat li, fil-kuntest ta' proċedura bħal dik inkwistjoni, l-allegata vittma ta' fastidju tista' tinvoka d-dritt għal smigħ, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fil-fatt, l-Artikolu 41 tal-Karta, intitolat "Id-dritt għal amministrazzjoni tajba" jipprevedi, fl-Artikolu 41(1) tiegħu, li kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni.

57 Barra minn hekk, dan l-Artikolu 41jipprevedi fil-paragrafu 2 tiegħu li d-dritt għal amministrazzjoni tajba b'mod partikolari jinkludi, b'mod partikolari, id-dritt ta' kull persuna għal smigħ, qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha negattivament, id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-fajl li jikkonċernaha, filwaqt li jiġu osservati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju; kif ukoll l-obbligu għall-amministrazzjoni li tagħti motivi għad-deċiżjonijiet tagħha.

58 B'mod partikolari, id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesprimi, b'mod utli u effettiv, il-perspettiva tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa negattivament l-interessi tagħha (ara s-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 53).

59 Għaldaqstant, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punti 82 sa 87 tas-sentenza appellata, li d-dritt għal smigħ ma kienx jimplika l-obbligu li tibgħat lill-appellanti r-rapporti tas-smigħ tax-xhieda qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li, bħala prinċipju, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effikaċi tal-projbizzjoni ta' kwalunkwe forma ta' fastidju psikoloġiku fuq il-post tax-xogħol, huwa permess għall-amministrazzjoni li tipprevedi l-possibbiltà li tiggarantixxi lix-xhieda, li jaċċettaw li jagħtu l-istqarrija tal-fatti kontenzjużi f'każ ta' fastidju allegat, li x-xhieda tagħhom tinżamm kunfidenzjali, fir-rigward kemm tal-persuna allegatament responsabbli għall-fastidju kif ukoll tal-allegata vittma.

60 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li, fil-kuntest ta' tilwima fil-qasam ta' fastidju li timplika uffiċjali Ewropej, il-persuna li ressqet ilment għal fastidju quddiem id-Direttorat tal-Persunal kienet intitolata, sabiex tkun tista' tippreżenta b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħha lill-istituzzjoni kkonċernata qabel din tieħu deċiżjoni dwar l-ilment tagħha, li tirċievi, minn tal-inqas, sunt tad-dikjarazzjonijiet tal-persuna allegatament responsabbli għall-fastidju u tad-diversi xhieda li nstemgħu matul il-proċedura ta' investigazzjoni, jekk ikun il-każ, fl-osservanza tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li dan kien il-każ sa fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ġew użati fir-rapport mogħti

lill-awtorità li ħadet id-deċiżjoni li ma taġixxix fuq l-ilment, u li kienet tinkludi rakkomandazzjonijiet li fid-dawl tagħhom din l-awtorità kienet ibbażat id-deċiżjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 57).

61 F'dan il-każ, mill-punti 80 u 89 tas-sentenza appellata jirriżulta li, sabiex tiddeċiedi fuq it-talba għal assistenza, l-ASTK kellha mhux biss din l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv, iżda wkoll id-depożizzjonijiet tas-smigħ ta' xhieda, li pprovdewlha ħarsa komprensiva u ddettaljata tar-realtà ta' dawn il-fatti kif ukoll fuq il-perċezzjoni tagħhom minn membri differenti tal-persunal tal-unità inkwistjoni.

62 Kif l-Avukat Ġenerali irrileva fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, sa fejn id-depożizzjonijiet tas-smigħ ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-ASTK għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-appellanti kellha tkun tista' tesprimi ruħha dwarhom. Għaldaqstant, l-appellanti kellha d-dritt, sabiex tkun tista' tippreżenta b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħha, li tiġi kkomunikata, tal-inqas, sunt kemm tal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv kif ukoll tad-depożizzjonijiet tas-smigħ tax-xhieda, sa fejn l-ASTK ibbażat id-deċiżjoni kontenzjuża fuq dawn id-dokumenti.

63 Madankollu, il-komunikazzjoni tal-imsemmija dokumenti lill-appellanti kellha titwettaq fl-osservanza tal-interessi leġittimi ta' kunfidenzjalità li għandhom b'hekk ikunu bbilanċjati kontra d-dritt għal smigħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 57).

64 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 83 tas-sentenza appellata, li kien permess li l-amministrazzjoni tipprevedi l-possibbiltà li tiggarantixxi lix-xhieda mismugħa waqt investigazzjoni li x-xhieda tagħhom tibqa' kunfidenzjali.

65 Issa, din il-libertà mogħtija lill-amministrazzjoni ma hijiex neċessarjament inkompatibbli mar-rispett tad-dritt ta' smigħ tal-persuna li tkun irrappurtat il-fatti tal-fastidju.

66 Fil-fatt, sabiex tkun iggarantita l-kunfidenzjalità tax-xhieda u l-għanijiet li tipproteġi, filwaqt li jkun assigurat li huwa b'mod utli li l-appellanti tinstema' qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju, kif l-Avukat Ġenerali enfasizza, fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, jistgħu jintużaw ċerti tekniki bħall-anonimizzazzjoni jew saħansitra l-iżvelar tas-sustanza tax-xhieda fil-forma ta' sunt, jew ukoll li jinħbew ċerti partijiet tal-kontenut tax-xhieda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 59).

67 Issa, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-ASTK ma kinitx kisret id-dritt tal-appellanti għal smigħ billi rrifjutat li tingħatilha d-depożizzjonijiet tax-xhieda qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma riedet issir taf kienx possibbli li jiġi rrikonċiljata r-rispett għall-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità ma' dan id-dritt.

68 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li tekniki bħal dawk imsemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza ntużaw preċiżament waqt il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, li ordnat lill-Parlament sabiex jipproduċi verżjoni anonimizzata tad-depożizzjonijiet mogħtija inkwistjoni, parzjalment moħbija.

69 Għaldaqstant, kif l-Avukat Ġenerali irrileva fil-punt 76 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma kkonstatatx li kien kontra r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 41 tal-Karta l-fatt li l-appellanti ma kinitx ġiet ikkomunikata, tal-inqas, sunt anonimizzat tad-dikjarazzjonijiet tad-diversi xhieda u li hija ma setgħetx tinstema' dwarhom, b'tali mod li hija ma kinitx tpoġġiet f'pożizzjoni li tippreżenta b'mod utli osservazzjonijiet dwar il-kontenut tagħhom qabel ma d-Direttur Ġenerali tal-Persunal ħa d-deċiżjoni kontenzjuża, li affettwatha negattivament.

70 Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-ewwel aggravju tal-appell prinċipali għandu jintlaqa' u s-sentenza appellata għandha tiġi annullata fuq din il-bażi kollha kemm hi, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra mqajma mill-appellanti fil-kuntest ta' dan l-aggravju jew l-aggravji l-oħra tal-appell prinċipali.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

71 Konformement mat-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar tista', fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

72 Issa, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, iwassal għall-annullament ta' deċiżjoni adottata fit-tmiem il-proċedura biss jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti (sentenzi tal-10 ta' Settembru 2013, G. u R., C-383/13 PPU, EU:C:2013:533, punt 38, kif ukoll tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 76).

73 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punt 69 ta' din is-sentenza, huwa bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta li l-appellanti ma kinitx ġiet ikkomunikata, tal-inqas, sunt anonimizzat tad-dikjarazzjonijiet tad-diversi xhieda u li hija ma setgħetx tinstema' dwarhom, b'tali mod li hija ma kinitx tpoġġiet f'pożizzjoni li tippreżenta b'mod utli osservazzjonijiet dwar il-kontenut tagħhom qabel ma d-Direttur Ġenerali tal-Persunal ħa d-deċiżjoni kontenzjuża, li affettwatha negattivament. Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, fil-punti 121 sa 123 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni jikkostitwixxi irregolarità li inevitabbilment taffettwa kemm l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv kif ukoll id-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, jekk l-appellanti ngħatat l-opportunità li tinstema' b'mod utli, setgħet ikkonvinċiet lid-Direttur Ġenerali tal-Persunal li evalwazzjoni oħra tal-fatti u tal-elementi varji tal-kuntest, li kienet deċiżiva għal din id-deċiżjoni, kienet possibbli u li għandu jiġi applikat piż differenti għalihom.

74 Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tal-Persunal dwar it-talba għal assistemza imressqa mill-appellanti kienet tkun waħda pożittiva.

75 Għaldaqstant hemm lok li d-deċiżjoni kontenzjuża tiġi annullata.

76 Fir-rigward tat-talbiet għall-finijiet tal-kumpens għad-dannu tagħha mressqa mill-appellanti, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża jikkostitwixxi kumpens adegwat għal kull dannu morali li l-appellanti setgħet ġarrbet f'dan il-każ.

77 It-talbiet għal kumpens intiżi sabiex jinkiseb kumpens għal dan id-dannu morali huma għaldaqstant mingħajr skop u ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan is-suġġett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 81).

78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talbiet imressqa mill-appellanti għall-finijiet tal-kumpens għad-dannu tagħha għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

79 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

80 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu f'dan is-sens.

81 Peress li l-Parlament tilef fir-rigward tal-parti essenzjali tat-talbiet tiegħu, għandu jiġi kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti mill-appellanti u marbuta, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar, kemm mal-proċedura tal-ewwel istanza u kemm mal-proċedura tal-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament (T-218/17, EU:T:2018:393), hija annullata.**

2) **Id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal tal-Parlament Ewropew, li jaġixxi bħala l-awtorità bis-setgħa tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ ta' din l-istituzzjoni, tat-3 ta' Ġunju 2016, li tiċħad it-talba għal assistenza, fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, mitluba minn HF, hija annullata.**

3) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

4) **Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn HF, marbuta kemm mal-proċedura tal-ewwel istanza u kemm mal-proċedura tal-appell.**

Firem